MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 529/2008/1

**Anthony u Carmela konjugi Muscat**

**v.**

**Salvatore Sciberras**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Muscat ipprezentat fit-30 ta' April 2008, li jaqra hekk:

"Illi huma ntavolaw ittra ufficjali ai termini ta` l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta fis-7 ta` Frar, 2008 u li ggib in-numru 426/08.

“Illi ai termini ta` l-Artikolu hawn fuq citat, jekk l-intimat ma jwegibx fi zmien 30 jum minn notifika lilu ta` dan l-att, allura l-istess ittra ufficjali tigi tikkostitwixxi titolu ezekuttiv.

“Illi minn harsa lejn l-atti jirrizulta illi r-riferta ta` l-ittra ufficjali hija wahda posittiva, bin-notifika issir lill-istess intimat Salvatore Sciberras u maghmula fit-22 ta` Frar, 2008, izda ma tindikax d-data preciza tan-notifika.

“Illi ai termini ta` l-Artikolu 188 tal-Kap. 12 allura ghandu jitqies illi n-notifika ta` l-ittra ufficjali lill-intimat saret dak in-nhar stess, jew al piu`, lejliet, ossia, fit-21 ta` Frar, 2008.

“Illi meta fl-24 ta` Marzu, 2008, is-sottofirmat ivverifika fir-Registru tal-Qrati jekk kinitx dahhlet risposta, irrizulta illi ma kinitx saret tali risposta u allura kien leggittimu illi jikkonkludi illi una volta illi skadew it-tletin jum msemmija u risposta ma dahlitx, r-rikorrenti kienu akkwistaw titolu ezekuttiv u setghu jghaddu sabiex jezegwixxu l-istess titolu illi kienu b`hekk ottenew.

“Illi meta fil-granet li ghaddew kienu ser jigu ntavolati l-Mandati opportuni, u s-sottofirmat beda l-proceduri ai termini ta` l-Artikolu 166B tal-Kap. 12, irrizultat u tfaccat nota b`zewg timbri fuqha, ossia timbru bid-data 17 ta` Marzu, 2008 u iehor bid-data 26 ta` Marzu, 2008, u jirrizulta, veru jew le skond biss dak li qed jinghad mill-attwarju tal-Qorti, illi l-nota thalliet l-attwarju fis-17 ta` Marzu, 2008 minghajr ma sar il-hlas u sar il-hlas fuqha biss fis-26 ta` Marzu, 2008.

“Illi dan ifisser illi n-nota giet registrata b`mod regolari u legittimu biss fis-26 ta` Marzu, 2008 meta sar il-hlas – peress illi altrimenti ser nigu f`sitwazzjoni fejn intimat jista` jhalli nota fir-Registru bla hlas u jekk tigi accettata, u allura l-iskop kollu ta` l-Artikolu 166A u tal-legislatur jigu skapriccati.

“Illi mal-presentata ta` l-atti, sabiex tali presentata tkun sewwa fil-ligi u safejn hemm hlas fir-Registru li jrid isir, ghandu jsir il-hlas necessarju u opportun – altrimenti ma

ghandux jitqies illi l-prezentata ta` dak l-att partikolari sar skond il-ligi.

“Jekk mhux hekk il-kaz, allura kull individwu ser ikun possibbli ghalih illi jippresenta atti l-Qorti minghajr hlas sabiex jinterrompi termini – li jistghu ikunu ta` preskrizzjoni etc – u kollox jghaddi. Dan il-ligi ma tridux, u jihtieg illi ghall-presentazzjoni legittima ta` l-atti, jsir il-hlas opportun lir-Registratur skond kif trid il-ligi.

“Ghaldaqstant, fid-dawl ta` dan u salv kull verifika illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li taghmel, anke billi tisma` lill-partijiet u lir-Registratur tal-Qrati jekk thoss necessarju u billi tara hi stess l-atti relattivi, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara id-data tas-26 ta` Marzu, 2008 bhala d-data tal-presentata tan-nota ta` l-intimat fl-atti ta` l-ittra ufficjali Nru 426/08 notifikata lill-istess intimat fit-22 ta` Frar, 2008 jew al piu`, l-21 ta` Frar, 2008 kif hawn fuq imsemmi.”

Rat ir-risposta ta’ Salvatore Sciberras li in forza taghha eccepixxa illi:
“L-esponent gie pprezentat bir-rikors fl-ismijiet premessi fl-atti b`allegazzjonijiet hemm indikati.

“L-esponent kien ippresenta nota skond il-ligi kif titlob il-ligi u dan ghalkemm fl-istess ittra ufficcjali ma hemm ebda indikazzjoni tal-indirizz tal-mittenti Anthony u Carmela konjugi Muscat.

“Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kontenut tar-rikors hu assolutament inkorrett. Illi dan qed jinghad peress li fl-atti u cioe` meta saret in-nota ai termini tal-ligi, dan sar fis-17 ta` Marzu, 2008, liema haga u timbru saru quddiem l-attwarja Fiordalina Camilleri liema, haga m`hiex michuda. Illi din tista` tigi facilment ikkonfermata minnha tant li anki sar il-hlas kif titlob il-ligi.

“Illi qed jirrizulta b`mod car li l-istess rikorrenti, li jafu li m`ghandhomx dritt ai termini tal-ligi minhabba ragunijiet ohra, qed jaghmlu minn kollox biex jippruvaw igibu zewg is-sitwazzjoni, meta m`ghandhomx raguni legali.

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex tichad it-talba tar-rikorrenti u li tikkonferma li l-esponent kien gie notifikat fit-22 ta` Frar, 2008 u li d-data tal-presentata tan-nota kienet fis-17 ta` Marzu, 2008 kif hemm indikat u kif sar mill-atti skond kif immexxi mill-Attwarja tal-Qorti.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ April 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li stabbiliet li d-data tal-prezentata tan-nota tal-intimat, meritu tal-kawza, hija s-26 ta’ Marzu 2008, l-ispejjez jithallsu mill-istess intimat Salvatore Sciberras;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi l-pern ta` din il-vertenza huwa essenzjalment ridott ghal element wiehed u cioe` l-effettivita` ta` prezentata ta` att meta ma jkunx sar il-hlas relattiv. Ir-rikorrenti odjerni, kif esprimew fir-rikors taghhom u kif issottometta fit-trattazzjoni d-difensur taghhom jikkontendu illi l-prezentata ta` kull att gudizzjarju ma tiswa xejn jekk ma jsirx il-hlas relattiv.

“L-intimati ma jaqblux. Jikkontendu li galadarba l-att gie prezentat mill-Prokuratur Legali u accettat mir-Registratur tal-Qrati, dan ghandu l-effett kollu.

“F`din il-kawza il-Qorti semghet lil Emanuel Sciriha, Assistent Registratur tal-Qrati Civili li spjega illi:

*““It-timbri ta` fuq bid-dati 17 ta` Marzu, u l-iehor 26 ta` Marzu. L-ispjegazzjoni ghalfejn hemm zewg timbri hu meta gie pprezentat l-att fis-17 ta` Marzu, l-attwarja ma ndikatx li kien hemm il-hlas u l-hlas ma sarx. Il-hlas sar fis-26 ta` Marzu. Dan jirrizulta mill-cash number u meta jigi pprezentat att u ma jsirx il-hlas relattiv suppost ma jaccettawhx. Kienet accettatu Fiordalina Camilleri li ma kienetx taf li jrid isir il-hlas. Id-deputat Saviour Aquilina kkommunika ma` l-avukat biex isir il-hlas. Il-hlas sar wara fis-26 ta` Marzu”.*

"Huwa qal ukoll illi: *"Nikkonferma illi malli tidhol nota li tikkontesta ittra ufficcjali skond l-artikolu 166A din tigi mmedjatament allaccjata ma` l-ittra ufficjali. F`dan il-kaz bejn is-17 u s-26 sakemm effettivament sar il-hlas din in-nota ma gietx allaccjata ma` l-ittra ufficcjali".*

"Il-Qorti tibda` biex tinnota illi s-sitwazzjoni difficli li ghandha quddiemha llum hija rizultat immedjat tas-sitwazzjoni xejn felici li gie li tirrenja fir-Registru tal-Qrati Civili. Fil-kaz in ezami, inghata inkarigu ta` accettazzjoni ta` atti lil persuna li tant ma kienetx imharrga ghalih li lanqas biss kienet taf illi jrid isir hlas kontemporanjament mal-prezentata tal-att. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tal-istess Assistent Registratur Emanuel Sciriha. Il-Qorti hawnhekk tiehu l-okkazjoni biex tissollecita d-dirigenza amministrattiva tal-Qrati biex tassigura li kull min jinghata karigi ta` natura daqshekk serja ghandu jkollu t-tahrig kollu mehtieg, u dan qabel ma jinghata l-inkarigu.

"Il-Qorti hi tal-fehma li l-hlas rikjest ghall-prezentata ta` att huwa element essenzjali tal-procedura tal-istess prezentata, li ma tistax titqies qatt kompletata qabel ma jkunu gew ezegwiti z-zewg passi, u cioe`, l-prezentata fizika u l-hlas relattiv. Kieku ma kienx hekk naslu ghas-sitwazzjoni assurda li l-atti kollha li jitqeghdu quddiem l-ufficcjal inkarigat jitqiesu prezentati effettivament.

"Din il-posizzjoni tkompli tigi affermata b`dak li xehed l-istess Assistent Registratur meta dan qal illi n-nota giet allaccjata mal-ittra ufficcjali biss meta sar il-hlas, mhux qabel, u dan precizament ghaliex il-procedura tal-prezentata ma kienetx ghada kompletata."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Salvatore Sciberras li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"...**thassar** u **tannulla** s-sentenza pronunzjata fit-30 ta' April 2009 billi tiddeciedi l-kawza favur l-esponent u jekk jinhass il-bzonn tisma' x-xhieda ndikati, bl-ispejjez kontra l-atturi."

Rat ir-risposta tar-rikorrenti appellati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex l-appellipprezentat mill-appellanti jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija intiza ghal dikjarazzjoni dwar il-validita` tar-risposta li ressaq l-intimat wara ittra ufficjali li tressqet kontra tieghu fis-7 ta’ Frar 2008, *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta). Skont il-ligi, ittra ufficjali mressqa bis-sahha ta’ dak l-artikolu isir titolu ezekuttiv ghall-mittent, sakemm id-debitur intimat ma jikkontestax il-pretensjoni fi zmien tletin jum min-notifika. F’dan il-kaz, l-intimat debitur gie notifikat bil-fuq isemmija ittra ufficjali fit-22 ta’ Frar 2008. Fis-17 ta’ Marzu 2008, ipprezenta nota ta’ kontestazzjoni, pero`, il-hlas relattiv taghha sar fis-26 ta’ Marzu 2008, wara li skada t-terminu ta’ 30 jum koncess mil-ligi.

L-ewwel Qorti osservat li l-att kellu jitqies ufficjalment pprezentat mal-hlas, ghax “prezentata” ta’ att ma jista’ qatt jitqies kompletat qabel ma jkunu gew ezegwiti z-zewg passi, u cioe` l-prezentata fizika u l-hlas relattiv.

L-intimat ma qabilx ma’ din l-interpretazzjoni tal-ligi u ressaq dan l-appell.

Din il-Qorti, taqbel, <u>fil-principju</u>, ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti, u dan peress li l-hlas huwa parti integrali mill-prezentata tal-att. Meta skont il-ligi hu dovut hlas mal-prezentata, u fuq l-att jigi indikat kemm hi s-somma li ghandha tithallas, il-hlas relattiv huwa intrinsikament marbut mal-prezentata fizika tal-att, u l-att ma jistax jitqies validament ipprezentat qabel ma jsir il-hlas. L-Artikolu 183 tal-imsemmi Kap. 12 jghid testwalment li mal-

prezentata ta' att, ir-Registratur ghandu jnizzel fil-gnub tal-iskrittura "s-somma mhallsa" ghad-drittijiet u l-isem tal-persuna li thallashom, li jfisser li mal-prezentata d-drittijiet iridu jkunu gia` mhallsa ghax altrimenti l-att ma jitqiesx ipprezentat. Il-prezentata minghajr hlas ma jistax ikollu effett legali u l-kelma tal-ligi, fin-nuqqas ta' spjega plawsibbli, ma tistax tigi injorata.

Min-naha l-ohra, hemm ir-regola kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Debono v. Zammit et**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2002:
*"Illi fit-tieni lok, ir-Regolamenti jaghmluha haga cara li hu d-dmir tar-Registratur li jggharraf lill-parti li tilqa' jew tressaq l-att gudizzjarju quddiemu, x'inhu d-dritt li jrid jithallas u sa meta. Fil-kaz prezenti, l-kumpanija mharrka hallset dak kollu li r-Registratur talabha thallas, u dan jidher mill-atti processwali nfushom. Ghalhekk ma tistax tigi mixlija mill-attur li naqset li thallas fiz-zmien preskritt xi dritt li ghadha sallum ma ntlabitx thallas. Strettament jista' jinghad li l-kwistjoni dwar jekk sarx il-hlas xieraq u dovut lir-Registratur hija kwistjoni li tirrigwarda lill-istess Registratur, u mhux lill-kontro-parti."*

Mill-premess ifisser illi meta r-Registratur tal-Qorti, fuq l-att lilu pprezentat, jindika l-hlas li ghandu jsir, l-att ma ghandux jitqies ufficjalment ipprezentat qabel ma jsir il-hlas relattiv. Jekk, min-naha l-ohra, ir-Registratur ma jindikax u ma jitlobx hlas mal-prezentata, l-att ghandu jitqies debitament ipprezentat dakinhar tal-prezentata fizika tieghu. Ic-cirkostanza li jiem wara, ir-Registratur jitlob hlas ghall-att, ghax hekk kien suppost dovut bil-ligi, ma jinnewtralizzax il-prezentata valida li tkun saret qabel.

F'dan il-kaz, jirrizulta mill-att innifsu, li meta l-intimat ipprezenta n-nota, ma giex mitlub hlas. L-att gie accettat mid-Deputat Registratur u dan ma indikax li kellu jsir xi hlas; il-kaxxier, ghalhekk, ittimbra l-att u ma esiga ebda hlas. Wara xi jiem, mir-Registru, xi hadd irrealizza li kien sar zball mid-Deputat Registratur dakinhar li dan ircieva l-att, intalab il-hlas u sar il-pagament mitlub.

Li kieku, meta gie pprezentat l-att, id-Deputat Registratur (jew l-Attwarju) indika hlas marbut mal-prezentata tal-att, u dak il-hlas jibqa ma jsirx, allura l-att ma jitqiesx "ipprezentat" qabel ma jsir il-hlas tieghu. Att ma jistax jitqies validament ipprezentat, bil-Qorti marbuta li tiehu konjizzjoni tieghu, izda min ipprezenta dak l-att ikun jista' jhallas ghall-prezentata kif u meta jrid! Fejn jigi mitlub hlas (u dan jekk isir hekk skont il-ligi), il-prezentata tal-att titqies saret mal-hlas relattiv. Meta, bhal ma gara f'dan il-kaz, minn ipprezenta att, ma jigix mitlub hlas, allura il-prezentata fizika tal-att jitqies validu, bil-materja tal-hlas tkun allura wahda li tirrigwarda lill-istess Registratur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Salvatore Sciberras, billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u wara li tqis li n-nota in kontestazzjoni tal-pretenzjoni dedotta fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2008, giet validament kontestata bin-nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 2008, tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------